MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru. 1435/2007

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Lucas Vassallo, iben Paul, imwieled Pieta' fl-24 ta' Di`embru, 1989

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
a. talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Novembru, 2007, fil-waqt li kien fi Triq Telgħet Kordin ġewwa Raħal Ġdid, flimkien ma persuni oħra, ikkometta serq ta' Lm2,000 fi flus għad-dannu ta' Martin Dalli miż-Żurrieq, liema persuna tbagħti minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba tali kondizzjoni ma setgħetx tagħmel reżistenza xierqa u liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

b. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat sabiex tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra l-persuna ta' Martin Dalli miż-Żurrieq, kontra l-volonta' tagħha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata waqt liema delitt heddu li joqtlu jew jagħmel offiża fuq il-persuna tiegħu;
c. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, fil-ħin li kien qed jagħmel id-delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omiċidju nvolontarju jew offiża fuq il-persuna nvolontarja) jew delitt ta' serq jew ta' ħsara lill-proprjeta' (barra minn ħsara nvolontarja lill-propjeta') kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
d. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, hedded serjament lil Martin Dalli miż-Żurrieq, permezz ta' arma regolari;
e. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos mill jagħmel xi ħaġa;
f. talli fl-istess data, lok u ħin flimkien ma persuni oħra, ikkawża ħsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-għamla Toyota, mudell Vitz, ta' lewn bajdani, bin-numru tar-reġistrazzjoni JBL 102, li kienet tinsab ipparkeġġjata fi Triq Telgħet Kordin, Raħal Ġdid, liema ħsara teċċedi l-Lm50 iżda mhux iżjed minn Lm500 għad-dannu ta' Martin Dalli u persuni oħra;
g. talli fl-20 ta' Novembru, 2007, xjentement, f'Malta, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u xjentement, b'kull mod, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
h. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, ġab ruħu b'tali mod li kkaġuna lil ħaddieħor biża' li ser tintuża vjolenza.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurrta' ta' dik il-persuna hawn fuq indikata.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Ottubru, 2008 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtije jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 262(1)(a), 278, 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikoli 86, 87, 251, 325, 334, 251B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' April, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-seba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278(1)(2)(3), 86, 87, 251, 325 u 251B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 412Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------